

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

tal-25 ta' April 2007

dwar l-irtirar mis-suq ta' ibridi taż-żrieragħ tal-kolza Ms1xRf2 (ACS-BN004-7xACS-BN002-5) u l-prodotti ġejjin minnha

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1806)

(It-test bil-Ġermaniż biss hu awtentiku)

(2007/306/KE)

(ĠU L 117, 5.5.2007, p. 20)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/69/UE tat-3 ta' Frar 2012	L 34	12	7.2.2012
► <u>M2</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2268 tal-14 ta' Diċembru 2016	L 342	34	16.12.2016
► <u>M3</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1117 tal-24 ta' Ġunju 2019	L 176	59	1.7.2019
► <u>M4</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1562 tas-16 ta' Settembru 2019	L 240	13	18.9.2019

▼ B**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI****tal-25 ta' April 2007****dwar l-irtirar mis-suq ta' ibridi taż-żrieragħ tal-kolza Ms1xRf2
(ACS-BN004-7xACS-BN002-5) u l-prodotti ġejjin minnha***(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1806)***(It-test bil-Ġermaniż biss hu awtentiku)****(2007/306/KE)**▼ M4*Artikolu 1*

Id-destinatarju għandu jimplementa programm intern sabiex jiżgura l-irtirar mis-suq effettiv taż-żrieragħ tal-kolza ACS-BN004-7, ACS-BN002-5 u tal-kombinazzjoni ibrida taż-żrieragħ tal-kolza ACS-BN004-7xACS-BN002-5 fit-tnissil u fil-produzzjoni taż-żrieragħ u għandu jiġbor id-*data* dwar il-preżenza ta' dawk l-organiżmi mmodifikati ġenetikament fil-konsenji taż-żrieragħ tal-kolza lejn l-Unjoni mill-Kanada.

Sal-1 ta' Jannar 2022 id-destinatarju għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-programm u dwar il-preżenza ta' dawk l-organiżmi mmodifikati ġenetikament fil-konsenji taż-żrieragħ tal-kolza lejn l-Unjoni mill-Kanada.

Artikolu 2

1. Il-preżenza ta' materjal li fih iż-żrieragħ tal-kolza ACS-BN004-7, ACS-BN002-5 u l-kombinazzjoni ibrida taż-żrieragħ tal-kolza ACS-BN004-7xACS-BN002-5, li jikkonsisti minnhom jew li huwa prodott minnhom fi prodotti tal-ikel jew tal-ġhalf notifikati skont l-Artikolu 8(1)(a) u l-Artikolu 20(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 għandha tkun ittollerata sal-31 ta' Diċembru 2022, dment li din il-preżenza:

(a) tkun aċċidentali jew inevitabbli teknikament; kif ukoll

(b) tkun fi proporzjon mhux oġhla mill-frazzjoni tal-massa 0,1 %.

2. Id-destinatarju għandu jiżgura d-disponibbiltà ta' materjal ta' referenza ċċertifikat taż-żrieragħ tal-kolza ACS-BN004-7xACS-BN002-5 permezz tal-American Oil Chemists Society fuq <https://www.aocs.org/crm>.

▼ B*Artikolu 3*

L-inklużjoni fir-Reġistru Komunitarju ta' l-ikel u l-ġhalf modifikat ġenetikament, kif stipulat fl-Artikolu 28 tar-Regolament, rigward l-ACS-BN004-7, l-ACS-BN002-5 u l-kombinazzjoni ta' l-ibridi ACS-BN004-7xACS-BN002-5 taż-żrieragħ tal-kolza għandha tinbidel biex jittieħed kont ta' din id-Deċiżjoni.

▼ B

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil ► M3 BASF SE, Carl-Bosch-Str.
38, 67063 Ludwigshafen, il-Ġermanja ◀.

▼ M2
